**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU ĦAMSA U TLETIN 11TA' MEJJU, 2022**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima, l-Viċi Sindku Ignatius Farugia u l-Kunsillieri Dr Tiffany Ann Attard, s-Sur Kaydem Schembri, is-Sur Joseph D'Amato, s-Sur Kenneth Farrugia u s-Sur Kyle Mifsud.

**SKUŻAT**

Il-Kunsilliera Dino Bonnici u Marisa D'Amato.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **35.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 35.1.1 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici nforma permezz ta' email li ma setgħax jattendi minħabba raġuni ta' xogħol. Il-Kunsillier Marisa D'Amato infurmat li ma setgħetx tattendi minħabba raġuni ta' saħħa. **Dok 1 mehmuż**. |
| | | |
| **35.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 35.2.1 | | Fir-rigward ta' punt 34.6.6 il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li ma jsib xejn ħażin billi ssir plakka fuq min kien għix u ħadem fil-Mitħna tax-Xarolla, l-aqwa li tkun fil-qosor. |
| | | |
| | | |
| 35.2.2 | | Ġew approvati l-minuti tal-erbgħa u tletin - il seduta. |
| | | |
| ***35.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 35.3.1. | | Is-Sindku qalet li kienet għamlet invit lill-Ministru Aaron Farrugia biex titkellem miegħu fuq lista ta' toroq li għandhom bżonn wiċċ ġdid. Minflok il-Ministru ġie s- |

| | | |
|---|---|---|
| | | CEO tiegħu u ingħata lista ta' toroq li hemm bżonn li jsiru u li l-Kunsill kien talab f'leġislatura preċedenti. Hu qal li ser iżomm lill-Kunsill infurmat bid-deċiżjonijiet ta' Infrastructure Malta. |
| | | |
| | | |
| **35.4** | | **Mistieden l-Onorevoli Omar Farrugia** |
| | | |
| 35.4.1 | | Is-Sindku, f'isem il-Kunsill laqgħat lill-Onorevoli Omar Farrugia li telgħa bħala membru parlamentari fl-aħħar elezzjoni ġenerali. |
| | | |
| | | |
| ***35.5*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 35.5.1 | | Il-Kunsillier Kaydem Schembri qal li :<br>• nerġgħu ninsistu fuq Dar Mattia Preti.<br>• Ninsistu mal-Ministru tal-Ambjent biex Wied Babu jibqa taċ-ċittadini. Kien hemm qbil li fil-laqgħa li l-kunsill għandu mal-Ministru Miriam Dalli fuq dan. Il-Kunsillier Tiffanny Ann Attard issuġġeriet li l-Kunsill ifittex parir legali fuq dan qabel ma l-Kunsill jkollu laqgħa mal-Ministru. |
| | | |
| 35.5.2 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li:<br>• nies li jarmaw it-Triq P P Pullicino għal-festi tar-raħal, qalu li hemm bżonn li jsir żbir ta' siġar biex ikunu jistgħu jarmaw.<br>• Hemm bżonn ukoll li jinżabar il-palm ta' Vjal il-Blue Grotto u Triq Dun Guzepp Zammit. Hu qal li jekk il-Kuntrattur tal-Kunsill ma jkun jista jlaħħaq maż-żbir, jeħtieġ li jiġi mqabbad kuntrattur ieħor u l-kont jinqata' mmillkontijiet tal-kuntattur WM Env. Ltd.<br>• Hemm bżonn li jitneħħa l-ħaxix ta' Sqaq Oswardu<br>• Residenta ta' 3 Triq l-Imdawra trid bankina għax m'hemmx.<br>• Sqaq il-Karmnu ilu ma jinkines.<br>• Sar xogħol minn Clean Malta fi Ġnien il-Kunsill ta' Ewropa. Hemm bżonn li jiġi irringrazzjat uffiċjalment u nitolbuh jieħu ħsieb ġnien ieħor<br>• Il-Kunsill ser japplika biex is-soft material tal-ġonna jissewwew/jinbidlu minn fondi tal-Gvern Lokali<br>• Talab biex il-Kunsill iwaqqaf il-kuntratt li għandu ma' WMEnvironment, għax fjuri baqa' ma għamilx u ħriet lanqas. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li din il-ħaġa qed titressaq mill-kunsillier inkarigat f'kull seduta għalhekk jeħtieġ li jitneħħa l-kuntratt u mhux dejjem noħorġu default notice. Kien hemm qbil li l-flus li l-Kunsill iħallas għax-xogħol li ma jkunx għamel il-kuntrattur, għandhom jitnaqqsu mill-kontijiet tal-kuntrattur. Kien hemm qbil li ssir default notice oħra.<br>• Triq il-Qrendi hemm bżonn li jinqata l-ħaxix selvaġġ. Kien hemm qbil li minħabba l-MOU iffirmat ix-xogħol ser jibda f'Ġunju. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li jekk ikun hemm ċertu toroq perikolużi bil-ħaxix selvaġġ, għandhom jinqatgħu. Fil- |

| | | |
|---|---|---|
| | | kuntratt il-ġdid jeħtieġ li l-Kunsill jiffirma li parzjalment ma jinqatgħax il-ħaxix u mhux kullimkien<br><br>F'dan il-ħin daħal il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia daħal għas-seduta 19:00. |
| | | |
| 35.5.3 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato staqsa fuq:<br>• Żabra ta' siġra kbira li hemm fi Triq il-Wied. Il-Kunsillier Kaydem Schembri ssuġġerixxa li jkun hemm il-contract manager mal-ħaddiema.<br>• Biex issir sleeping policeman fi Triq il-Wied viċin id-Dems. Il-Kunsill kien kieteb għal parir ta' TM u s'issa m'għandix risposta. Sadanittant jeħtieġ li ssir żebgħa mal-art slow u tabella periklu li turi black point.<br>• Fuq ir-reklamar tal-U bars jeħtieġ li l-Kunsill jikkuntatja lil min ried jirreklama.<br>• Art fi Triq Bubaqra fejn sub station tal-Enemalta, tissemma fil-laqgħa mal-Ministru Miriam Dalli biex il-Gvern joħodha f'idu u ssir playing field għax fl-akwata m'hemmx postijiet ta' rikrejazzjoni.<br>• Ċint ta' għalqa fi Triq il-Qrendi jinsab perikoluż għalkemm privat, jeħtieġ li l-Kunsill jagħmel rapport l-għassa u l-entitajiet konċernati.<br>• Il-Kunsill kien qabel li ssir laqgħa mad-DPO u din il-laqgħa baqgħet ma saritx. Kien hemm qbil li jekk id-DPO ma jkunx jista l-Kunsillier Tiffany Ann Attard lesta li tagħmel tali seminar. |
| | | |
| 35.5.4 | | Il-Kunsillier Kyle Misfud qal li:<br>• L-ġnien l-emigranti żrieraq għandu bħonn dawra<br>• Fi Gnien l-Emigranti żrieraq hemm żewġ bins imkissra biex isiru 2 oħra minflokom<br>• jitwaħħlu cat eyes li kienu tneħħew waqt li saret Triq il-Wied.<br>• Il-ħadid tar-rampa tal-uffiċċju tal-Kunsill għandu bżonn manutenzjoni<br>• Staqsa fuq il-gallarija tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed tirċievi l-istimi.<br>• Min jista jgħin fil-Festa Ħut, japprezza. Il-Kunsill ġie mistieden biex jagħmel promotion fuq stazzjon tat-TV. |
| | | |
| 35.5.5 | | Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia staqsa fuq il-bankina ta' Triq P P Saydon. Is-Sindku tkellmet mal-ħaddiema li kienu ser jagħmlu x-xogħol u qalu li jekk ser issir il-fili ma jibqgħux jidhru imma issir ħamra kollha. Hu insista li jsir test patch.<br>Kien hemm qbil li tinġieb stima għal wiċċ ġdid.<br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa li l-Kunsill jistenna ftit snin oħra li l-bankina tiddeterjora u issir mill-ġdid.<br>Il-Kunsillier Kaydem Schembri qal li ser jiċċekja jekk hemm fondi għal dan il-każ. |
| | | |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| **35.6** | | **RAPPORTI** |
| **35.6.1** | | **Approvazzjonni tal-Audited Financial Statements 2021** |
| 35.6.a1 | | Ġie approvat il-audited financial statement li sar mill-accountant u l-awdituri. ***Dok 2 mehmuż.*** |
| | | |
| ***35.7*** | | ***Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa*** |
| | | |
| **35.7.1** | | **Attivitajiet Jum iż-Żurrieq/ Ġieħ iż-Żurrieq** |
| | | |
| 35.7.1 | | Is-Sindku spjegat kif ser tkun l-attivita' ta' Ġieħ iż-Żurrieq. Kien hemm qbil li jkun hemm post alternattiv biex jekk tagħmel ix-xita jkun hemm fejn issir l-attivita.<br>Jekk il-Ministeru ma jagħtix il-palk, s-Sindku tkellmet mas-Soċjetajiet u t-tnejn infurmaw li jistgħu jgħinu.<br>Is-Sindku ssuġġeriet li wara l-attivita' ta' Ġieħ iż-Żurrieq jkun hemm bibita tal-okkażjoni. Hi ssuġġeriet li l-bibita tkun f'waħda mis-swali tas-soċjetajiet.<br>Kien hemm qbil li l-affarijiet ikunu miftehim bejn iż-żewġ soċjetajiet.<br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-Kunsill dejjem qed jipprova jgħin lis-Soċjetjiet u s-Soċjetajiet mhu qed jgħatu xejn lura lill-Kunsill. |
| | | |
| 35.7.2 | | Is-Sindku qalet li fis-seduta preċedenti semmiet li jiġu onorati ukoll Liam u Riana li rebħu kompetizzjoni taż-żfien barra minn Malta. Hi qalet li fl-aħħar seduta ma kienx hemm qbil u issa saret taf li din l-istess koppja reġgħet ħadet l-ewwel f'kompetizzjoni oħra. Is-Sindku qalet ukoll, li tfajla miż-Żurrieq kisbet l-unur tal-aqwa footballer tan-nisa f'Malta. Kien hemm qbil li t-tnejn jingħataw ġieħ. |
| | | |
| 35.7.3 | | Is-Sindku dawret il-lista ta' persuni li ġew nominati għal-Ċittadin Ewlieni, lill-kunsilliera. |
| | | |
| ***35.8*** | | ***Approvazzjoni: xogħlijiet u servizzi*** |
| | | |
| | | |
| 35.8.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilmenti/suġġerimenti:<br>• Persuna li fis-seduta ta' Frar kien talab lill-Kunsill biex jokkupa post taħt ir-rampa ta' fuq il-Ħnejja(Belle Veder), reġgħa ressaq it-talba tiegħu u kieteb ir-raġunijiet għaliex hu ma jaqbilx mad-deċiżjoni tal-Kunsill. Ittra mehmuża **dok 3**. Kien hemm qbil din il-persuna titressaq fis-seduta li jmiss.<br>• Persuna li fis-seduta ta' Frar kienet talbet li ssir bankina drop kerb fi Triq P P Saydon, kienet avviċinat lill-Kunsill, wara li ma kienx hemm qbil li jsir dan u kien hemm qbil li l-każ jerġa jitressaq. Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li għandha issir kurduna normali fejn hemm ir-rack tar-roti. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Nhar is-Sibt kien hemm inċident fi Triq l-Inġiniera u min ra l-inċident qal li jekk jitneħħew il-parkeġġi li hemm viċin it-trejqa ta' bejn Triq l-Inġiniera u Triq iċ-Ċombini, il-vetturi jkunu jistgħu jidħlu fil-ġemb u jgħatu ċans lill-vetturi li jkunu ġejjin opposti, jgħaddu. Ġie ssuġġeriet ukoll li din il-parti tat-triq issir direzzjoni waħda għat-traffiku. Il-Kunsillier Kyle Mifsud u Tiffanny Ann Attard qablu li t-triq |

| | | |
|---|---|---|
| | | issir one way. L-ewwel għandha tintalab petizzjoni, biex titressaq għall approvazjoni ta' TM.<br>• Il-Kunsill ġie nfurmat li ser issir beverage container refund machine biex jiġu iddepożitati fiha flixken tal-plastic u ħġieġ. Dawn qed jitolbu li din il-magna tkun fi Triq Fra Gan Marie Zammit. Din il-magna kbira 4 x 4metri. Kien hemm qbil fuq li din il-magna issir fejn iċ-ċimiterju ta' Bubaqra biex tkun fejn il-bring in site.<br>• Il-Kunsill ġie nfurmat li t-tower crane li ġie appovat li jitpoġġa fi Triq San Gorg, ser isir fi ftit jiem oħra. |
| | | |
| 35.8.2 | | Kien hemm qbil li fit-30 ta' Ġunju ssir laqgħa filgħodu biex tittella l-polza tal-gabbani tal-festi. |
| | | |
| 35.8.3 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni fuq skema li ser tagħlaq fi ftit ġimgħat oħra - SPI.SCI.1.2022.Finanzjament għal żvillup u titjib fil-Kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex.<br>Kien hemm qbil li l-kunsill japplika għal Ġnien il-Ġibjun u Ġnien it-tfal taż-Żurrieq, biex isir is-safety material kollu ta' taħt il-bandli. |
| | | |
| ***35.9*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA TAR-REĠJUN PUNENT, TAL-GALXLOKK u TAL-***<br>***ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI.*** |
| | | |
| 35.9.1 | | Ġew approvati l-minuti ta' Reġjun Punent numri 4 u Gal Xlokk numru 125. |
| | | |
| ***35.10*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 35.10.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 5** għall-ammont totali ta' €41,081.73<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia u l-kunsillier Kaydem Schembri. |
| | | |
| ***35.11*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 35.11.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-20:35 Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa ta' 8ta' Gunju, 2022, fis-6:15 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum 8 ta' GUNJU, 2022.

IFFIRMAT IFFIRMAT

Rita Grima Josianne Cilia Mumford

**Sindku** **Segretarju Eżekuttiv**